32003D0740

18.10.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 268/67

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-7 ta' Ottubru 2003

## rigward il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja rigward is-sistema ta' *ekopunti* li għandha tkun applikata għall-ġarr tal-merkanzija tal-Kroazja li tgħaddi mill-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2003

(2003/740/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71(1) flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza u l-Artiklu 300(3), l-ewwel subparagrafu fih imsemmi,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Ftehim Proviżorju fuq il-kummerċ u l-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra ([2]), u b'mod partikolari l-Artiklu 2(2)(b) tal-Protokoll 6 fuq il-ġarr tal-merkanzija fit-triq, jistabbilixxu li għandha tapplika sistema ta' *ekopunti* ekwivalenti għal dik stabbilita fl-Artiklu 11 ta' Protokoll 9 ta' l-Att ta' Adezjoni ta' l-1994.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat għan-nom tal-Komunità Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja li jistabbilixxi l-metodu tal-kalkolazzjoni u r-regoli dettaljati u proċeduri għall-immaniġġjar u l-kontroll ta' l-*ekopunti*.

(3) Dan il-Ftehim kien iffirmat għan-nom tal-Komunità fit-23 ta' Lulju 2003, bla ħsara għall-konklużjoni possibbli tiegħu iżjed tard, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/440/KE ([3]).

(4) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja rigward is-sistema ta' *ekopunti* li għandha tkun applikata għall-ġarr tal-merkanzija tal-Kroazja li tgħaddi mill-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2003 huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa miżjud ma' din id-Deċiżjoni ([4]).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni gàandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Ottubru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. TREMONTI

([1]) Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Mejju 2003 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 330, ta' l-14.12.2001, p. 3.

([3]) ĠU L 150, tat-18.6.2003, p. 32.

([4]) Għat-test tal-Ftehim, ara ĠU L 150, tat-18.6.2003, p. 33. Il-Ftehim kien iffirmat għan-nom tal-Kroazja fl-1 ta' Awwissu 2003.